MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Numru. 928/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Joseph Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Dimech detentur tal-karta tal-identita` numru 377469(M).

Akkuzat talli nhar l-20 ta’ Settembru 2013, ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta’ filghodu, fi Triq Idmejda, Balzan:

1. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara f’Dar Merhba Bik, liema hsara ma tkunx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma tkun izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Kuntistablijiet tal-Pulizija PC341 Jorge Dalli, PC131 Nathan Bugeja u PC84 Derrick D’Anastasi, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

3. Ghamel offiza hafifa fuq il-Kuntistablijiet tal-Pulizija PC341 Jorge Dalli, PC131 Nathan Bugeja u PC84 Derrick D’Anastasi, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

4. Talli hebb ghall-Kuntistablijiet tal-Pulizija PC341 Jorge Dalli, PC131 Nathan Bugeja u PC84 Derrick D’Anastasi sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom il-hsara;

5. Talli volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b’ghajjat u glied; u

6. Talli qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex titratta lill-imputat bhala recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie

misjub hati u kkundannat ghal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi;

Rat id-dokumenti pprezenati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat il-Pre-Sentencing Report tal-Probation Officer Sharlet Fabri; u

Semghet id-dikjarazzjoni tal-mara tal-imputat u parte civile Catherine Dimech li llum il-gurnata s-sitwazzjoni trangat hafna.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 96, 95, 221(1), u 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Joseph Dimech hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal sentejn (2), li f'dan il-perijodu l-imputat ghandu jkompli jiehu l-kura necessarja ghand Dr Anton Grech.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------